# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 4 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 27**

**Citaz. Nru. 563/01GV**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Joseph Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut merkanzija

Premess illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal elf erba' mija u sbatax il-lira Maltin (Lm1,417);

Premess illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-imsemmija somma ta' elf erba' mija u sbatax il-lira Maltin (Lm1,417);

Premess illi ghalkemm interpellat sabiex jissalda dan id-debitu l-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess illi, dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta'attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta' attrici il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici, ghar-ragunijiet premessi talbet lil din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' elf erba' mija u sbatax il-lira Maltin (Lm1,417);

2. Tiddecidi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni a bazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-interessi legali u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid ipprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci; Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici; Ezaminat l-atti tal-kawza; Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**